# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1120

Kaz Nru. 1354

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Etienne Agius

u

C & K Ciappara Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Illum : 18 ta' Mejju 2000

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**INTRODUZZJONI**

Il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 8 ta' Lulju 1999 Ref. MSP/TI/57/99 biex tigi processata skond il-provvediment ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti.

Is-Sur Etienne Agius aktar 'il quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mis-sur Joe Morana, Segretarju, Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati tal-Union Haddiema Maghqudin.

C & K Ciappara Limited kienet rapprezentata mis-sinjura Catherine Ciappara, Direttur li aktar 'il quddiem tissejjah

il-Kumpanija kienet assistita mill-avukat Joe Brincat u l-avukatessa Edwina Chetcuti.

**Xhieda**

| | | |
|---|---|---|
| Catherine Ciappara | - | Direttur |
| Kevin Galdes | - | ex-impjegat |
| Paul Borg | - | ex-impjegat |
| George Borg | - | Tabib |
| Charle Ciappara | - | Iben id-Direttur |
| Mary Agius | - | Omm l-appellant |
| Charles Ciappara (senior) | - | Direttur |
| Etienne Agius | - | l-appellant |

**Dokumenti**

Tul is-smigh tal-kaz gewipprezentati s-segwenti dokumenti :

(i) Certifikat mediku nru. B. 263572;

(ii) Erba' dokumenti tal- E.T.C datati 4 ta'Dicembru 1998, 17 ta' Jannar 1999, 1 ta' Frar, 1999 u t-13 t'April, 1999;

(iii) Il-Form FS 3 ta' Etienne Agius ghas-sena 1999.

(iv) Tliet folji dwar x'paga ha Etienne Agius mill-4 ta' Jannar 1999 sad-9 t'April, 1999.

**Dikjarazzjoni tal-kaz**

Il-kumpanija ntimata tghid li l-appellant kien impjegat biex jaghmel xoghol ta' *labourer*. Il-Kumpanija hija bil-*business* ta' *poultry processing*. L-appellant kien fil-*poultry processing plant*, fil-bidu beda jiehu *sick leave* bl-addocc

ghaliex ma kienx irid jaghmel ix-xoghol konness mill-impjieg tieghu. Kien jippretendi li jaghmel ix-xoghol hafif biss.

Il-Kumpanija kienet waqfitu. Wara ftit taz-zmien kien mar jitlob skuza u d-Diretturi regghu dahluh lura ghax-xoghol. Wara hames xhur rega' beda li ma jridx jaghmel ix-xoghol kif suppost u beda jiehu s-*sick leave*.

L-appellant jghid li beda l-impjieg mal-Kumpanija fl-4 ta' Jannar 1999 u gie terminat fis-7 ta' April 1999. Fit-8 ta' April 1999 omm l-appellant irrapurtat lill-*management* li binha kien marid. Meta staqsa lill-Kumpanija r-raguni tat-terminazzjoni mill-impieg, ir-risposta kienet minhabba s-*sick leave* u li ma kienx kapaci ghax-xoghol. L-appellant jghid li l-*management* qatt ma gibidlu l-attenzjoni fuq xi nuqqas fuq ix-xoghol.

**Provi**

Illi l-Kumpanija tirritieni li l-appellant meta beda x-xoghol maghhom huma bdew jghatuh ix-xoghol hafif biex jidra, izda meta wara dan iz-zmien kien gie moghti xoghol iehor dak li johrog it-tigieg mill-gagga u jdendilhom mal-linja, beda bl-iskuzi billi jghid li ma jiflahx u beda ma jigix ghax-xoghol. Qal li kien marid pero' dak in-nhar stess kien wassal tnejn min nies li jahdmu mal-Kumpanija sa ftit metri boghod mill-*gate*.

Catherine Ciappara xehdet li hi ma kellmitx lill-omm l-apellant bit-*telephone* meta cemplet pero' kellmitha personalment meta marret fl-ufficcju taghha fil-prezenza tal-appellant u li ma pprezentalhiex ic-certifikat mediku. L-importanti ghal-ommu kien li jiehu xi beneficcju basta ma jkunx ta' piz ghaliha u li riditha tghid li waqfitu ghax ma ghandhomx bzonn aktar nies.

L-appellant fl-ewwel seduta tal-kaz ipprezenta certifikat mediku bid-data tat-8 ta' April 1999.

It-Tabib G. Grech xehed li ma jiftakarx ezatt meta rah, id-data tac-certifikat hi t-8 ta' April 1999 izda jista' jkun li rah il-*clinic* fil-ghaxija jew l-ewwel xoghol fil-ghodu.

Mary Agius, omm l-appellant xehdet li hi cemplet il-Kumpanija biex tinfurmhom li l-appellant ma kienx jiflah pero' min irrisponda t-*telephone* qallha, "qallek missieri ghid lill-Etienne ma jigix ghax-xoghol aktar". Qalet li t-Tnejn marret mal-appellant il-fabbrika biex tkellhem lill-propretarja halli tara ghaliex keccewh meta kien *sick*. Qalet ukoll li kienet hadet ic-certifikat maghha u meta pprezentatu lis-Sur Ciappara qallha, "x'nambieh la t-tifel m'ghadux jahdem, ma ghandix x-nambieh"

**Provi Finali**

Illi fil-provi finali l-Kumpanija ssostni li l-appellant gie mkecci peress li naqas li jattendi ghax-xoghol minghajr raguni valida jew ghall-inqas gustifikazzjoni plawsibbli.

Illi l-appellant ma kienx xi mpiegat ezemplari u kien diga rcieva diversi warnings. Ghamel certifikat mediku meta kien diga mkecci liema certifikat gie ipprezentat meta mbdew il-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi omm l-appellant flimkien mieghu talbu lis-Sinjura Ciappara Direttrici tal-Kumpanija biex fic-certifikat tat-temm ta' l-impieg tnizzlu bhala raguni illi din kienet *"redundancy"* u mhux "tkeccija".

Illi l-appellant fil-provi finali jghid li t-tkeccija saret minhabba li wassal lill-shabu ghax-xoghol u naqas li jirraporta ghax-xoghol u mar lura d-dar minghajr m'avza b'dan personalment lill-Kumpanija. Sostna li l-Kumpanija keccietu minghajr ma saret verifika permezz tat-tabib meta hu kien ma jiflahx.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi dan il-kaz kellu l-bazi tieghu dakinhar tas-7 ta' April 1999 wara li huwa assenta ruhu minn fuq il-post tax-xoghol allegament ghaliex kien marid.

Illi f'dan il-kaz tas-7 ta' April, 1999 kien wassal bil-karozza tieghu lill-shabu Kevin Galdes u Paul Borg mis-Siggiewi sal-fabrika, distanza ta' erba' jew hames mili u naqas li jimxi ftit metri ohra u jirraporta lid-Direttrici Catherine Ciappara (seduta 30 ta' Settembru, 1999)

Illi d-Direttrici Catherine Ciappara xehdet li hi dakinhar baghatet lit-tabib u ma setax imur ghax kellu hafna xoghol, kien *over loaded* bix-xoghol (seduta 30 ta' Settembru 99)

Illi t-tabib George Grech ghamel certifikat mediku bid-data 8 ta' April 1999. Il-kaz ta' tkeccija kien fis-7 ta' April 1999. It-tabib fuq mistoqsija dwar id-data xehed, "nassumi li fl-*eight* hux" u qal, "ghax jista' jkun fifhimni, li narah filghaxija peress li ma jkunx jista' jmur ghax-xoghol naghmillu certifikat ghal ghada, fhimt, ikun ma jiflahx" (seduta 8 ta' Novembru 99).

Illi omm l-appellant tghid li cemplet il-Kumpanija biex tinfurmhom li l-appellant kien ma jiflahx izda min irrisponda qallha li l-appellant ma jigix aktar ghax-xoghol. (seduta 29 ta' Novembru, 1999).

It-Tribunal Industrijali osserva dak kollu li ntqal mix-xhieda kollha kif ukoll dak li ntqal sew mill-Kumpanija u mill-appellant. Jirrizulta li dan il-kaz ta' tkeccija hu bbazghat fuq is-7 ta' April 1999. Kif dejjem intqal repetutament minn dan it-Tribunal Industrijali illi tkeccija mill-impjieg hi l-ghola ħkundanna fil-hajja tax-xoghol. Hu ta' mportanza kbira li qabel ma jittiehed pass ta' tkeccija ghandhom jigu ezaminati l-mizuri kollha mehtiega u ghandhom japplikaw biss ir-regoli tal-ligi.

**Decizjoni**

It-Tribunal Indusrijali ra u kkunsidra l-istqarrijiet tal-kaz kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni billi jiddikjara illi t-tkeccija tal-appellant minn mal-Kumpanija intimata ma saritx ghall-raguni gusta. Ghaldaqstant, l-appellant ghandu jinghata kumpens fis-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650.00) Il-hlas irid isir mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet tad-drittijiet li jithallsu lil min assista, it-Tribunal qieghed jiffissa l-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40.00)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Alphonse Caruana**
**CHAIRMAN**

**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**